MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 381/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Salvina Agius abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Salvina Agius (43548G)nomine et**

**vs**

**Karmenu Barbara**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta ' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas tmien mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm888.50), rapprezentanti danni kollha sofferti mill-attrici Salvina Agius assigurata tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb kwantu ghall-amont ta' tmien mija u tlettax –

il Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm813.50), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75.00) l-istess Salvina Agius in linea ta' *excess payment* bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Jannar 2003 ghall-habta ta' 8.00am gewwa Triq San Gorg, Safi, bejn il-vettura proprieta` ta' l-attrici Salvina Agius, bin-numru tar-registrazzjoni FBB 646 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni JBF 725, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 2003 u ta' l-ittra ufficjali kontestwalment ma' l-Avviz lis-socjeta' assikuratrici Middle Sea Insurance plc (polza konkluza tramite l-agenti taghhom Allcare Insurance Agency Limited) u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-10 ta' Dicembru 2003 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa is-segwenti: Illi  l-incident in kwistjoni ma sehhx unikament b'tort ta' l-eccipjenti kif allegat mill-atturi izda sehh principalment minhabba traskuragni, negligenza, imperizija u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tas-sewwieqa tal-vettura FBB 646 u ghalhekk it-talbiet attrici kif diretti kontra l-eccipjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' PS2 Martin Bugeja, ta' Luciano Caruana, ta' Marthese Xuereb u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta’ Jannar 2003 fi Triq San Gorg, kantuniera ma’ Triq Stefano Erardi, Hal-Safi, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBB 643 misjuqa minn Marthese Xuereb u assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta’ attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBF 725 misjuqa mill-konvenut.

Marthese Xuereb xehdet li fil-hin tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBB 646 fi Triq Stefano Erardi u kienet hierga mill-imsemmija triq. Xuereb tghid li waqfet fit-tarf tat-triq fejn hemm Stop Sign izda minhabba l-hajt tas-sejjieh li kien hemm man-naha tax-xellu taghha hija ma setghetx tara ghaliex kien hemm *blind corner* u ghalhekk ippuntat il-barra. Appena ghamlet hekk, sabiet il-vettura tal-konvenut gejja min-naha tax-xellug taghha u kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u sehh l-impatt. Xuereb isostni li l-hajt tas-sejjieh man-naha tax-xellug taghha huwa gholi madwar tul ta’ persuna medja u tghid ukoll li sakemm damu weqfin il-vetturi involuti fl-incident kien hemm spazju sostanzjali bejn il-vettura tal-konvenut u l-hajt ma-naha tax-xellug tieghu u li minn dan l-ispazju rnexxielu jghaddi addirittura *scamel.* Xuereb qalet ukoll li hija ma daqqitx il-horn qabel ma bdiet tipponta `l barra.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq San Gorg, Hal-Safi b’velocita` ta’ madwar 20 km fis-siegha. Huwa jghid li waqt li kien qed jipprocedi b’dan il-mod harget il-vettura misjuqa minn Marthese Xuereb minn Triq Stefano Erardi b’velocita` ta’ madwar 45 km ph u minghajr ma daqqet il-horn huwa zamm il-brejk izda inutilment ghaliex sehh l-impatt. Il-konvenut jghid ukoll li l-hsara fil-vettura tieghu kienet mal-faccata ta’ quddiem man-naha tal-lemin. Huwa spjega li Triq San Gorg hija triq pjuttost dejqa, m’hijiex dritta u fiha diversi kantunieri. ‘A tempo vergine’ il-konvenut kien sostna li huwa ma kienx qed isuq fuq in-naha l-hazina ta-ttriq tenut kont tal-konfigurazzjoni tal-istess triq.

Minn ezami tar-ritratti esebiti a fol. 36 u 38, liema ritratti juri l-lokalita` fejn sehh l-incident jidher li Triq San Gorg

hija pjuttost dejqa izda tippermetti li jghaddu faciulment zewg vetturi sejrin fid-direzzjonijiet opposti. Jirrizulta wkoll li l-hajt tas-sejjieh man-naha tax-xellug huwa angolat il-barra izda l-angolazzjoni hija gradwali. Dan il-fatt gie wkoll konfermat mis-Surgent li investiga l-kaz. Mill-iskizz esebit a fol. 14 tal-process, jirrizulta wkoll li l-konvenut kien qed isuq kwazi kompletament *wrong side* u li min-naha tax-xellug tieghu kien hemm spazju bizzejjed biex tghaddi vettura. It-Tribunal jidhirlu li l-angolazzjoni tal-hajt man-naha tax-xellug tal-konvenut ma kienetix tiggustifika il-fatt li huwa jsuq kwazi kompletament *wrong side*. Huwa seta' facilment zamm kemm jista' jkun lejn in-naha tax-xellug tat-triq u hareg ftit il-barra biss fil-punt fejn kien hemm l-angolazzjoni tal-hajt. Dan jinghad anke in vista tal-fatt li l-incident jista' jinghad li sehh f'zewg *country roads* u ghalkemm il-konvenut kien il-*main road user* huwa xorta wahda kien tenut li jezercita certu kawtela. Il-fatt li l-konvenut ghazel li jsuq kwazi kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq, f'cirkostanzi simili jindika negligenza u traskuragni fis-sewqan tieghu u t-Tribunal jidhirlu li huwa ghandu jigi akkollat b'parti mir-responsabilita` ghall-incident de quo.

It-Tribunal izda huwa tal-fehma li anke Marthese Xuereb kienet responsabbli ghall-akkadut. Hija kienet hierga minn fuq Stop Sign u ghalhekk kellha l-obbligu li tieqaf u tespolara t-traffiku ghaddej minn fuq i-triq li reiedet tohrog fuqha qabel ma tittenta tohrog. Xuereb issostni li kien hemm hajt tas-sejjieh man-naha tax-xellug taghha li kien jifforma *blind corner* u li ma kienx jippermettielha li tesplara it-triq man-naha tax-xellug u kien ghal din ir-raguni li hija ippuntat il-barra minn fuq l-Stop Sign. Minn ezami tar-ritratti imsemmija aktar qil fuq jirrizulta li l-hajt in kwistjoni seta' b'xi mod jostakola parzjalment il-vizwali ta' Xuereb izda mhux kompletament ma jidhirx li dan il-hajt huwa gholi daqs kemm qed isostni Xuereb u mir-ritratti jidher li dan il-hajt hua anqas ghali fit-tarf tat-triq u fil-fehma tat-Tribunal dan kien jippermetti lil Xuereb li tesplora t-traffiku gejn min-naha tax-xellug tahha nake jekk b'cerut diffikolta`. Inoltre it-Tribunal jirritjeni li l-fatt li Xuereb naqset milli ddoqq il-horn sabiex tallerta lis-

sewwieqa ghaddejjin mit-triq f'cirkostanzi simili kienet tammonta ghal negligenza u traskuragni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jidhirlu illi r-responsabilita` ghall-incident ghandha tigi apporzjonata nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kkontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew l-ircevutai kollha relattivi in sostenn tat-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li r-responsabilita` u htija tal-incident in kwistjoni ghandha tinqasam fi gradi ndaqs bejn Marthese Xuereb u l-konvenut, qed jillikwad d-danni sofferti mill-attrici fis-somma ta' Lm888.50 u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nofs din is-somma hekk likwidata u cioe` l-ammont ta' Lm444.25.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-10 ta' Dicembru 2003 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom ukoll jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet, u bl-imghax mil-lum sad-data tal-hlas effettiv tas-somma indikata kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------